MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
IAN SPITERI BAILEY**

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2010

Talba Numru. 700/2009

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**vs**

**Christine Gatt (ID 223290M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-10 ta' Settembru 2009, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' sitt mija u wiehed u sebghin Euro u hamsa u hamsin centezmu (€671.55) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma deheritx la fis-seduta tal-20 ta’ April 2010, meta gewipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ sitt mija u wiehed u sebghin Euro u hamsa u hamsin centezmu (€671.55), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------